# L-Ewwel Kappella f'Bormla

minn Joseph Serracino



M'hemmx l-iċken dubju li l-poplu ta' din il-belt antika mill-ibgħad żminijiet ta' l-eżistenza tiegħu kellu mħabba kbira lejn il-Madonna. Xhieda ta' din l-imħabba speċjali li l-Bormliżi għandhom lejn l-Immakulata mhix marbuta maċ-ċelebrazzjonijiet sbieħ li jagħmlu ta' kull sena nhar it-8 ta' Diċembru, iżda hi d-devozzjoni kbira li minn dejjem kienet tħeġġeġ f'qalbhom lejn din l-Omm Ċelesti.

Fil-belt Cospicua wieħed isib diversi knejjes u kappelli dedikati lill-Madonna. Kull lok reliġjuż għandu l-istorja tiegħu u jagħmel parti mill-wirt partimonju Marjan ta' din il-belt storika. Iżda xi kultant jiġri, li postijiet sagri bħalma huma kappelli antiki li ma jibqgħux jintużaw regolament jintesew biż-żmien, u b'hekk il-poplu, bla ma jintebaħ, ikun tilef mhux biss parti mill-patrimonju reliġjuż tiegħu iżda wkoll parti mill-istorja ta' Beltu jew ta' raħal twelidu.

Każ tipiku huwa l-ewwel lok ta' kult Marjan f'Bormla. Jidher ċar, li l-kotra tal-poplu ta' din il-belt m'għandux tagħrif biżżejjed dwar l-ewwel kappella li kienet dedikata lill-Madonna fuq din il-medda art kbira li maż-żmien nbniet fuqha l-belt Cospicua. Hawnhekk jien qed nirreferi għall-kappella li antikament kienet ġiet imħaffra fil-blat ftit metri 'l isfel mill-Mina ta' Santa Liena. Din il-kappella kienet il-lok, fejn ħafna mis-sajjieda li kienu jgħammru madwar jew 'il ġewwa mill-qalba tal-bajja li f'dawk iż-żminijiet kienet tidħol sa Pjazza Gavino Gulia, ta' kuljum kienu jinġabru fiha biex jagħtu ġieħ lil Sidna Ġesù u 'l ommu Marija.

Xi storiċi jgħidulna, li qabel ma nbnew l-ewwel kappelli f'Malta, missirijietna kienu jużaw għerien jew daħliet fil-blat bħala post jew lok għall-kult reliġjuż. F'dawn l-għerien kienu jqiegħdu xhibat tal-Madonna, u maż-żmien, kemm minħabba l-grazzji maqlugħa kif ukoll minħabba l-qima speċjali li missirijietna minn dejjem kellhom lejn din il-Verġni Omm, kienet titkattar devozzjoni kbira lejha u jsir lok ta' kult Marjan.

L-ewwel kappella ta' din il-belt antika kienet iddedikata lil Sidtna

Marija taħt it-titlu ta' Santa Marija de Nativitate. Din il-kappella kienet ġiet mħaffra fil-blat, fil-ġenb tal-wied li fl-antik kien nieżel min-naħat tal-Fgura u jiżbokka għal ġol-baħar. Fuq il-bieb tad-dar fejn tinsab din il-kappella, madwar 50 metru 'l isfel mill-Mina ta' Santa Liena, hemm skrizzjoni fuq irħama li tfakkarna f'dan il-wirt storiku u partrimonju kbir Marjan. Ma neħodhiex bi kbira li l-maġġoranza tan-nies li jgħaddu ta' kuljum minn din it-triq qatt ma jgħaddilhom minn moħħhom li madwar żewġ sulari u nofs 'l isfel mill-għatba ta' dan il-bieb li ilu magħluq is-snin, hemm din il-kappella – aktarx l-eqdem xhieda tat-twemmin nisrani ġewwa Bormla.

Meta nbeda x-xogħol fuq il-bini tas-swar ta' Santa Margerita, wiċċ il-wied ġie mirdum u mgħolli diversi metri biex tkun tista' tinbena triq ġdida, b'konsegwenza li din il-kappella sabet ruħha taħt it-triq. Jista' jagħti l-każ li għal xi żmien kien hemm xi aċċess għaliha, iżda meta fl-1659 u 1668 din il-kappella ġiet ipprofanata ma baqgħetx tintuża. Mid-dehra, fis-snin ta' wara f'dawn l-inħawi beda tiela' l-bini, u peress li din il-kappella ġiet magħluqa jew abbandunata, u n-nies ta' l-inħawi bdiet tiffrekwenta knejjes oħra, aktarx li fuqha wkoll ittella' l-bini, b'konsegwenza li maż-żmien intilef kull ħjiel tagħha.


*Il-faċċata tal-kappella li tinsab Triq l-Inkurunazzjoni.*

Kellhom ikunu l-bombi qerrieda tal-gwerra li kixfu mill-ġdid dan il-wirt storiku, u meta dawn in-naħat reġgħu nbnew mill-ġdid wara l-gwerra, il-gvern ta' dak iż-żmien ħa ħsieb li jippreserva lil din il-kappella f'post mtella' apposta u jagħmel aċċess għaliha.

Fortunatament ftit tas-snin ilu jien kelli x-xorti ninżel naraha mal-ħabib tiegħi John Vella. Ħasra li din il-kappella tinsab litteralment abbandunata f'speċi ta' kantina mimlija ilma. Biex tinżel fiha hemm madwar 30 tarġa, u meta tasal fejna ssib parti minnha mgħarrqa bl-ilma tax-xita li aktarx jidħol minn xi xquq li hemm fil-blat. Il-post hu mudlam ħafna, bla dawl elettriku u l-għeluq tiegħu qed ikompli jżid l-umdità kbira li akkumulat maż-żmien - umdità li kważi taqtagħlek nifsejk int u nieżel jew tiela' t-taraġ.



*Madonna bil-mant ma' l-insara, inkwadru antik fis-sagristija ż-żgħira.*

Tajjeb li wieħed ifakkar ukoll li din il-kappella li skond it-tradizzjoni kienet magħrufa bħala ta' fuq Santa Liena jew tas-Sokkors kienet magħrufa wkoll bħala tas-Santarena. Aktarx li din il-kappella kellha tliet altari, il-maġġur dedikat lit-twelid ta' Ġesu Kristu, u t-tnejn l-oħra fil-ġnub kienu ddedikati lil Sant Andrija (patrun tas-sajjieda) u lil Santa Liena. Jingħad li fi żmien l-ewwel kappillan ta' Bormla Dun Mikiel Cap din il-kappella kellha altar wieħed u kwadru dedikat lill-Madonna.

Ma' l-ewwel daqqa ta' għajn lejn din il-kappella wieħed mill-ewwel jirrealizza li n-nies li ħaffruha fil-blat kienu nies tal-mistier għaliex ix-xogħol tagħha hu rfinut ħafna. Aktarx li matul il-medda tas-snin il-ħajt tagħha ġie miksi b'xi materjal li jixbaħ ħafna lis-siment, iżda skond l-istoriku John Vella, din il-kisja ta' materjal ta' kulur griż mhix siment iżda xi kompożizzjoni oħra li tixbaħha ħafna. Il-fond tal-kappella li hi f'forma ta' arzella u mżejjen b'arkata elaborata, hu ta' mawdar 4 metri bi 3.5 metri wiesa'.

Fuq in-naħa ta' ġewwa l-art hi kemmxejn imħattba, u dan jagħti x'jifhem li f'dan il-post kien hemm l-artal il-maġġur. Fuqu jidher bħall-gwarniċun

irqiq li aktarx kien jingasta fih il-kwadru titulari, u aktar 'il fuq minnu wieħed jinnota bastun arkitettoniku ornamentali. Fuq il-ġnub ta' l-Għar hemm żewġ pilastri maħdumin b'sengħa kbira u sporġuti 'l barra li jagħtuk x'tifhem li dan l-Għar kien jiġi mżejjen bid-damask jew drapp ieħor.

Fuq l-arkata hemm kitba Rumana li għadha tidher ċara li tgħid hekk "*Patrvm Mater Virgo Genvi*" li f'ilsiena tfisser Omm xebba welldet il-Wirt li hu Ġesu Kristu. Fuq kull naħa ta' din il-kitba, hemm imħaffra fil-blat f'forma ovali post għal żewġ midaljuni, b'dak tax-xellug aktarx kien xbieha ta' mara li biż-żmien tmermret, waqt li l-midaljun tan-naħa tal-lemin hu nieqes, aktarx li ġie maqlugħ minn xi ħadd li xtaq iżommu rikordju. Jidher ukoll li din l-arkata kienet tingħalaq b'xi kanċell jew speċi ta' Zuntier baxx.

F'din il-kappella, fuq in-naħa tax-xelluq, int u tħares lejha mill-faċċata tagħha, livell ma l-art hemm fetħa baxxa li minnha bilkemm jista' jgħaddi tifel u li maż-żmien aktarx ġiet mbarrata bil-ġebel. Hemm għajdut li din il-fetħa fil-blat aktarx kienet tasal sa' Marsaxlokk, iżda dan l-għajdut qatt ma ġie ppruvat.

Meta wieħed isib ruħu quddiem din il-kappella antika li aktarx tħaffret fil-blat mill-ewwel nies li rifsu jew resqu lejn din id-daħla, bla ma jrid jistaqsi: "tgħid x'kienet ir-raġuni li l-Knisja Parrokkjali ta' Bormla li nbniet wara ma nbnietx fuq l-istess sit ta' din il-kappella? Li kieku nbniet fuq l-istess sit ma kinitx tippreserva dan il-wirt reliġjuż u patrimonju Marjan? Nafu li f'diversi bliet Ewropej issib knejjes antiki li nbnew fuq siti ta' knejjes storiċi oħra, fejn partijiet mill-fdalijiet tagħhom huma ppreservati tajjeb u esposti għall-pubbliku bħala xhieda tal-qedem tal-fidi tagħhom.

Aktarx li dawn it-tweġibiet ħadd ma jista' jweġibhom. Issib min jgħidlek li peress li dawn l-inħawi aktarx kienu mibnija, instabet biċċa art kbira fil-qrib biex fuqha tinbena l-knisja parrokkjali ta' Bormla. Ma neħodhiex bi kbira li seta' kien hemm diversi raġunijiet oħrajn, iżda personalment nħoss li l-awtoritajiet reliġjużi ta' dawk iż-żminijiet naqsu serjament li ma ppreservawx dan il-lok Marjan, anki jekk sfortunatament kien ġie pprofonat darbtejn fi żmien 9 snin. Jingħad li l-uniċi tifkiriet li l-poplu Bormliż għandu ta' din il-kappella huma Żimarra tal-ħarir ċelesti u Pjaneta bajda, li fortunatament, il-figura tal-Madonna li kellha minsuġa fuq id-dahar tagħha llum tidher fuq Ventaltar tal-kor.

Wara l-gwerra din il-kappella antika għaddiet f'idejn id-Dipartiment tal-Mużewijiet, li minflok għaraf l-importanza ta' dan il-wirt storiku li kien intifel maż-żmien u fetaħha għall-pubbliku, reġa' difinha mill-ġdid f'qiegħ ta' dar mitluqa. Il-ħasra hi, li la l-Kunsill Lokali u lanqas l-awtoritajiet tal-knisja lokali ma wrew interess f'din il-kappella, li barra l-valur kbir storiku tagħha għall-beltna, hi xhieda ħajja tal-patrimonju Marjan li ħallew warajhom missirijietna.

Ħasra li din il-kappella mħaffra fil-blat ġiet abbandunata qisha qatt ma eżistiet....

**Riferenzi:**


Pietru Pawl Castagna: L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha. Ed. 1888.

Charles Galea Scannura: Tagħrif Storiku dwar il-Knisja Parrokkjali ta' Bormla, p. 5.

Alfie Guillaumier: Bliet u Rħula Maltin, It-Tieni Edizzjoni 1972, p.55

John Vella: L-Eqdem Knisja fil-Port il-Kbir, programm tal-festa ta' Marija Immakulata fil-Belt ta' Bormla, 1999



SOUTHERN FRIED

Lip Licking Flavour

Chicken

| | |
|---|---|
| Canon Road<br>Ħamrun<br>Tel: 2122 1234 | Labour Road<br>Żabbar<br>Tel: 2180 8175<br>Office Tel: 2163 3392 |
| Psaila Street<br>Birkirkara<br>Tel: 2149 7838 | Triq il-Gardiel<br>Marsascala<br>Tel: 2163 7933 |